# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 160/2015/1 AGV**

**Georgina Zammit**

**v.**

**Alexander Zammit**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-appell tal-konvenut mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' April 2020 dwar is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. Rat l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza minn fejn *inter alia* jirriżulta:

2.1. Illi permezz ta' rikors maħluf preżentat fit-13 ta' Lulju 2015, l-attriċi ppremettiet u talbet is-segwenti:

> *"1. Illi l-kontendenti Zammit iżżewġu nhar is-16 t'April 2000 (Dok A) u minn dan iz-zwieġ twieldet il-minuri Kelly Zammit li twieldet nhar it-3 ta' Jannar 2002;*
>
> *"1. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx iktar possibbli minħabba adulterju, eċċessi, minaċċji, theddid u offizi gravi, fost affarijiet, validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;*
>
> *"2. Illi għalhekk il-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli u dan minħabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut;*
>
> *"3. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 22 ta' Ġunju tas-sena 2015 (Dok B);*
>
> *"4. Il-fatti dikjarati tafhom hi personalment;*
>
> *"Għaldaqstant l-istess attriċi għaddiet sabiex tressaq is-segwenti talbiet u cioe' sabiex:*
>
> *"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat fosthom adulterju, vjolenza psikoloġika u swat, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċi li rrendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli;*
>
> *"2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Kelly Zammit f'idejn l-esponenti u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*
>
> *"3. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-attriċi u għat-tifla minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri tagħlaq l-eta' ta' tmintax(18)-il sena jekk tieqaf mill-iskola u tibda taħdem bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeċiedi li tibqa' tistudja fuq bazi full-time, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi u jiġu depositati f'kont bankarju indikat mill-esponenti u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess*

*manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-għoli tal-ħajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;*

*"4. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjez kollha relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-istess minuri;*

*"5. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'zewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

*"6. Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif maħsubha fl-Artikoli 48 et seq. tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u tapplika kontrieh interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 55 sa 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*"7. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u mmobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza fil-waqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha u dana fi zmien qasir u perentorju li għandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

*"8. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*"9. Tawtorizza lill-attriċi tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni talkonvenut u cioe' fil-fond bin-numru 10/3, Gondola Court, Triq is-Simblija, Naxxar, NXR2671;*

*"10.Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubita Bezzina;*

*"11.Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*"Bl-ispejjez u imgħaxxijiet kollha kontra l-konvenut, nġunt għas-subizzjoni.'*

2.2. Illi permezz ta' risposta ġuramentata ppreżentata fit-12 ta' Awwissu 2015, il-konvenut wieġeb:

*"1. Illi l-esponenti jaqbel li l-kontendenti żżewġu fis-sittax ta' April tas-sena elfejn (16.4.2000) u li miż-żwieġ tagħhom huma kellhom tifla, Kelly Zammit, li twieldet fit-tlieta ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (03.01.2000) u percio' għadha minorenni;*

*"2. Illi filwaqt li l-esponenti jaqbel li l-ħajja matrimonjali tal-partijiet m'għadhiex aktar possibbli, dan bl-ebda mod ma huma mputabbli lilu, iżda r-relazzjoni tagħhom spiċċat propju għar-raġunijiet esklussivament imputabbli lill-attriċi u rikonoxxuti mil-Liġi fosthom vjolenza psikoloġika, eċċessi, sevizzi u offiċi gravi da parti tal-attriċi fil-konfront tal-esponenti li naqset mill-obbligi matrimonjali tagħha versu l-esponenti, kif ser jiġi ppurvat fil-mori tal-kawża;*

*"GHALDAQSTANT l-esponenti ser jgħaddi biex iressaq is-segwenti eċċezzjonijiet fil-mertu kif ġej:*

*"1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti jaqbel li għandha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero' mhux għar-raġunijiet imputabbli lill-esponenti kif indikati mill-attriċi izda prinċipalment għaz-zwieġ li tkisser irrimedjabilment għar-raġunijiet esklussivament imputabbli lill-attriċi u rikonoxxuti mil-Liġi fosthom vjolenza psikoloġika, eċċessi, sevizzi, u offiżi gravi da parti tal-attriċi fil-konfront tal-esponenti kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża;*

*"2. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-tieni talba tal-attriċi sabiex hija tiġi fdata bil-kura u kustodja tal-wild minuri stante li huwa fl-aħjar interessi tal-istess minuri illi l-kura u kustodja tiegħu tiġi fdata f'idejn l-konvenut Missier, kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawza, b'dana illi l-attriċi tiġi mogħtija aċċess għal bintha f'dawk il-ġranet u ħinijiet li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;*

*"3. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-tielet talba in kwantu tirrigwardja l-manteniment pagabbli mill-esponenti konvenut versu l-attriċi u għandha wkoll tiċħad it-talba tal-attriċi li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti (l-attriċi) u dan ukoll in vista tal-fatt li l-attriċi hija unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u b'hekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara li l-attriċi ddekadiet minn tali dritt u dan apparti mill-fatt li hija finanzjarjament indipendenti;*

*"4. Illi wkoll fir-rigward tat-tielet talba din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-istess talba u ċioe' dik rigwardanti manteniment li għandu jitħallas mill-esponenti versu l-minuri, izda din l-Onorabbli Qorti għandha tistabilixxi u tiffissa dik ir-retta alimentarja hekk likwidata, li l-attriċi għandha tħallas lill-esponenti għall-istess minuri b'dawk il-modalitajiet kollha inkluzi provvediment għaz-zieda perjodika biex lattriċi tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja u ssir ordni għall-ħlas talistess retta alimentarja;*

*“5. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad ir-raba’ talba u għall-kuntrarju tordna lill-attriċi sabiex tħallas lill-esponenti nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri;*

*“6. Illi fir-rigward tal-ħames talba, l-esponenti ma jopponiex għal din it-talba u ċioe’ li tiġi xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiġi likwidata b’mod li jiġu stabbiliti zewġ porzjonijiet li jiġu assenjati lill-partijiet, b’dana pero’ mhux bilfors fi kwoti ndaqs stante tortijiet imputabbli lill-attriċi u fl-istess waqt tiġi stabbilita’ data minn meta din l-Onorabbli Qorti bħala d-data meta l-istess attriċi għandha tkun ikkunsidrata ħatja tal-firda, u dana okkorrendo għall-finijiet ta’ din it-talba, jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaċji;*

*“7. Illi din l-Onorabbi Qorti għandha tiċħad is-sitt talba u dan għall-fatt li ma jezistux iċ-ċirkostanzi li minħabba fihom għandhom jiġu applikati l-effetti tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-artikoli tal-liġi ċitati mill-attriċi fil-konfront tal-konvenuta, liema effetti tad-disposizzjonijiet u sanzjonijiet, pero’ stante li l-attriċi hija unikament ħatja għat-tifrik tazzwieġ, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara li l-attriċi ddekadiet mill-jeddijiet konjugali tagħha u tapplika kontriha in toto jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;*

*“8. Illi dwar is-seba’ talba l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni illi l-assi parafernali u dawk dotali jiġu restitwiti, b’dana illi kull parti tieħu l-ġid parafernali u/jew dotali tagħha u percio’ din l-Onorabbli Qorti għandha tordna lill-attriċi sabiex tikkonsenja lill-esponenti l-oġġetti mobbli jew immobbli parafernali u/jew dotali tiegħu, inkluz dawk li jinsabu fil-pussess tal-attriċi;*

*“9. Illi dwar it-tmien talba l-esponenti jirrileva li din l-Onorabbli Qorti għandha tappunta kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaċja fuq l-att ta’ divizjoni relattiva;*

*“10. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad id-disa’ talba, stante li ma jezistux ċirkostanzi li minħabba fihom l-esponenti għandu jiġi eskluz milli jabita fid-dar matrimonjali;*

*“11. Illi dwar l-għaxar talba, l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni;*

*“12.Illi dwar il-ħdax il-talba, l-esponenti wkoll ma jsibx oġġezzjoni;*

*“13.Illi fl-aħħar lok, f’dak illi jirrigwarda l-ispejjez, ġialadarba l-konvenut ma jaħtix għat-tifrik taz-zwieġ, liema tifrik ġie kaġunat unikament bi ħtijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-attriċi kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, l-ispejjez ta’ din l-istanza għandhom jiġu sopportati interament mill-istess attriċi.*

*"Bl-ispejjez kontra l-attriċi nġunta għas-subizzjoni."*

2.3. Illi b' sentenza mogħtija fit-30 ta' April 2020 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet billi:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u dan minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi;*

*"2. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dina t-talba, stante li llum ittifla saret maggorrenni.*

*"3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta u tordna li l-konvenut ihallas manteniment skond kif deciz minn dina l-Qorti aktar 'il fuq, liema ammont ghandu jithallas sakemm it-tifla taghlaq 23 sena u ghadha qed tistudja full-time. L-istess manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.*

*"Il-manteniment ghandu jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi u jigu depositati f'kont bankarju indikat mill-attrici.*

*"4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €3,858.59 bhala arretrati ta' spejjes tas-sahha u edukazzjoni.*

*"5. Tilqa' l-hames talba u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif deciz aktar 'l fuq.*

*"6. Tilqa' s-sitt talba*

*"7. Tichad it-talba sa fejn applikabbli f'dak li diga' enuncjat aktar 'l fuq.*

*"8. Tilqa' t-tmien talba.*

*"9. Tilqa' d-disa' talba u tawtorizza lill-attrici tibqa' tghix fid-dar matrimonjali 10/3, Gondola Court, Triq is-Simblija, Naxxar, u ghalhekk tassenja l-istess dar lill-attrici.*

*"10.Tilqa' l-ghaxar talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha "Bezzina."*

*"11.Tilqa' l-hdax-il talba*

*"L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenut."*

3. Rat illi fl-20 ta’ Mejju 2020 il-konvenut appella mis-sentenza u lmenta li:

3.1. Is-sentenza ngħatat fit-30 ta’ April 2020 minkejja li l-Qrati kienu ilhom u għadhom magħluqin mis-16 ta’ Marzu 2020 bis-saħħa tal-Avviż Legali numru 65 tal-2020 intitolat *Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja*, u dan ukoll bi ksur tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta). Miżjud ma’ dan, l-istess sentenza ingħatat waqt li t-terminu tal-konvenut biex jippreżenta n-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu (30 ta’ Marzu 2020) kien sospiż bis-saħħa tal-istess Avviż Legali;

3.2. Ftit tal-jiem qabel l-għoti tas-sentenza, il-konvenut ingħata indikazzjoni li l-istess sentenza xorta kienet se tingħata fit-30 ta’ April 2020 u għalhekk, jumejn qabel it-30 ta’ April 2020, bagħat in-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu permezz ta’ email iżda ma ttieħdet l-ebda konjizzjoni tagħha, forsi għaliex ma kinitx ġiet formalment ippreżentata peress li r-Reġistru kien magħluq;

3.3. Fil-mertu, is-sentenza appellata hija nġusta u inkorretta kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, kemm f’dak li jirrigwarda:

a) Il-kwistjoni dwar ir-responsabilita` għat-tifrik taż-żwieġ u l-konklużjoni li l-konvenut kellu jitqies li ddekada mid-drittijiet tiegħu b'effett mis-sena 2009, kif ukoll;

b) F'dak li jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet u d-deċiżjoni li l-attriċi mhux biss titħalla tibqa' tirrisjedi fil-proprjeta` matrimonjali iżda saħansitra li l-proprjeta` matrimonjali kellha tiġi assenjata esklussivament lill-attriċi meta hija ma għamlet l-ebda talba f'dan is-sens u meta għad hemm *loan* konġunta pendenti fuq l-istess proprjeta`.

4. Rat ir-risposta tal-appell tal-attriċi li biha tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

Konsiderazzjoni.

*L-Ewwel u t-Tieni Aggravju*

5. Illi l-appellant jisħaq li l-ewwel aggravju jistrieħ fuq żewġ binarji li għalkemm huma relatati ma' xulxin, għandhom jitqiesu separatament, ossija:

**i.** il-fatt li s-sentenza ngħatat meta l-Qrati kienu uffiċjalment magħluqin;

**ii.** l-istess sentenza ngħatat meta effettivament it-terminu għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-esponent kien għadu għaddej fis-sens li dan kien jinsab legalment sospiż.

6. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jilmenta li sofra preġudizzju ulterjuri konsegwenza tal-fatt li s-sottomissjonijiet li huwa bagħat permezz ta' email *".... lid-deputati tal-imħallef wara li ngħatat l-indikazzjoni li kienet ser tingħata s-sentenza...."*, ġew kompletament injorati mingħajr l-ebda aċċenn għalihom fis-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad.

7. Peress li dawn l-aggravji huma relatati sejrin jiġu meqjusa f'daqqa.

8. Mill-proċess jirriżultaw is-segwenti <u>fatti</u>:

8.1. Fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2019[1] il-partijiet iddikjaraw il-provi magħluqa u konsegwentement il-kawża ġiet differita għat-12 ta' Marzu 2019 sabiex l-attriċi tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet;

8.2. Madanakollu, fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2019[2] id-difensur tal-attriċi irrilevat li kienu nieqsa mill-atti provi dokumentarji ppreżentati fil-

[1] Fol. 307.
[2] Fol. 351.

11 ta' Marzu 2016, u għalhekk il-Qorti ordnat lid-Direttur tal-Qrati jagħmel l-istħarriġ neċessarju sabiex jinstabu dawk id-dokumenti;

8.3. Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2019[3] il-kawża ġiet differita għat-2 ta' Lulju 2019;

8.4. Peress li d-dokumenti baqgħu ma nstabux,[4] fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2019[5] il-Qorti ordnat li tinżamm seduta waħda quddiem l-assistent ġudizzjarju sabiex id-dokumenti nieqsa jerġgħu jkunu preżentati u awtorizzat lill-partijiet jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub wara li ssir dik is-seduta.

8.5. Id-dokumenti ġew preżentati mill-ġdid f'seduta li saret quddiem l-assistent ġudizzjarju fil-31 ta' Lulju 2019;[6]

8.6. L-attriċi ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fl-4 ta' Ottubru 2019;[7]

8.7. Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019,[8] il-Qorti tat lill-konvenut sal-15 ta' Diċembru sabiex jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet.

8.8. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2019, il-konvenut irrileva li l-proċess tal-kawża ma setax jinstab fir-reġistru b'dan illi ma setax iwieġeb għas-sottomissjonijiet tal-attriċi li kienu jirreferu għall-proċess bin-numri tal-paġni. Talab għalhekk lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex testendi t-terminu għall-preżentata tan-nota

[3] Fol. 353.
[4] Fol. 352.
[5] Fol. 363.
[6] Fol. 369 *et seq*.
[7] Fol. 371 *et seq*.
[8] Fol. 394.

tiegħu xahar minn meta tintbagħat komunika lir-rappreżentant legali tiegħu li jkun instab il-proċess;

8.9. Sal-udjenza tat-28 ta' Jannar 2020, il-proċess kien għadu ma nstabx;[9]

8.10. Fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2020[10] jidher li din il-kwistjoni ġiet riżolta u l-konvenut ingħata sat-30 ta' Marzu 2020 sabiex jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu;

8.11. Immedjatament in segwitu għall-verbal tad-19 ta' Frar 2020 jinsab il-verbal tal-udjenza sussegwenti tat-30 ta' April 2020[11] flimkien mas-sentenza llum appellata mogħtija fl-istess data;[12]

8.12. Fl-atti hemm ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ippreżentata fis-7 ta' Mejju 2020 permezz ta' liema ippremetta li, minkejja li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għaddiet għas-sentenza fit-30 ta' April 2020 *nonostante* li huwa kien għadu ma ppreżentax formalment in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu minħabba l-għeluq tal-Qorti li bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-Avviż Legali 65 tal-2020 mis-16 ta' Marzu 2020, wara l-ftuħ tar-Reġistru tal-Qrati mill-4 ta' Mejju 2020 bis-saħħa tal-Avviż Legali Numru 176 tal-2020, qed jippreżenta u jannetti formalment: (i) in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (Dok A); u (ii) skambju ta' korrispondenza bl-*email* bejn ir-rappreżentanti legali tal-konvenut u uffiċjal amministrattiv li taħdem il-qorti. Minn dik il-korrispondenza jidher l-konvenut bagħat *soft*

[9] Fol. 400.
[10] Fol. 401.
[11] Fol. 402.
[12] Fol. 403 *et seq*.

*copy* tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu lill-imsemmi uffiċjal fis-27 ta' April 2020 fit-3:11pm u li din tal-aħħar min-naħa tagħha wieġbet fid-29 ta' April 2020 fit-8:16am billi infurmat lill-avukat tal-konvenut li s-sentenza kienet se tingħata l-għada, 30 ta' April 2020 (Dok B).

9. Fil-frattemp, minħabba l-pandemija tal-COVID, is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bis-setgħa mogħtija lilha bl-Artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta), ordnat diversi miżuri sabiex jissalvagwardjaw kontra jew jikkontrollaw din l-epidemija f'Malta. Fost il-miżuri ħarġet l-'*Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali)*', Leġislazzjoni Sussidjarja 465.17 introdotta permezz tal-Avviż Legali 61 tal-2020) ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Marzu 2020. Kien oriġinarjament tipprovdi:

> *"3.(1) Meta s-Supritendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem warat-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supritendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta.*
>
> *"(2) Kull ordni maħruġa skont is-subartikolu (1) ma għandux jippreġudika s-setgħa ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuħ tar-reġistru tagħha, is-smigħ ta' kwalunkwe każ u kull ħaġa konsegwenzjali u inċidentali għaliha f'każijiet urġenti jew f'każijiet fejn tqis li l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' għandu jipprevali, soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u, jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv hekk kif il-qorti tista' tiddetermina."*

10. Illi fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Marzu 2020, kien ippubblikat l-Avviż Legali 84 tal-2020 li għandu jitqies li daħal fis-seħħ fis-16 ta' Marzu, 2020. Ipprovda li l-Artikolu 3 ta' *l-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta'Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali)* għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

> *"(1) Meta s-Suprintendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Din is-sospensjoni għandha tapplika ukoll għall-preskrizzjoni fi kwistjonijiet kriminali u ċivili. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara r-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Suprintendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta."*

11. Fl-4 ta' Mejju 2020 daħal imbagħad fis-seħħ l-Avviż Legali 176 tal-2020, *Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) (Emenda Nru. 2) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali."* Permezz tiegħu ġie ordnat illi:

> *"2. Fis-subartikolu 2 tal-artikolu 3 tal-ordni prinċipali, il-kliem "l-ftuħ tar-reġistru tagħha," għandu jiġi mħassar.*
>
> *"3. Kwalunkwe limiti ta' żmien li ġew sospiżi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv*

> *(Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) (Emenda Nru. 2) għandhom jibqgħu sospiżi."*

12. Eventwalment, *Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni L.S. 465.17. ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali)* ġie mħassar bis-saħħa tal-Avviż Legali 243 tal-2020 li daħal fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2020.

13. Miżura oħra li laqtet l-operat tal-Qrati kienet *l-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja* (Leġislazzjoni Sussidjarja 465.19) li daħal fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 65 tal-2020, ukoll ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Marzu 2020. L-Artikolu 3 tal-istess jipprovdi s-segwenti:

> *"Is-Suprintendent b'dan tordna l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja u tar-reġistru <u>b'effett mis-16 ta' Marzu, 2020</u>, liema ordni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi revokata mis-Suprintendent."*

14. Apparti korrezzjoni fin-nota mariġinali li saret bis-saħħa tal-Avviż Legali 66 tal-2020, din il-Liġi Sussidjarja ġiet emendata:

14.1. permezz tal-Avviż Legali 97 tal-2020, li introduċa definizzjoni ta' '*qorti indikata'* koperta bl-istess ordni, żdiedu ukoll żewġ artikoli rigwardanti bordijiet, kummissjonijiet, kumitati jew entitajiet oħra li ma joperawx mill-binja tal-Qrati tal-Ġustizzja;

14.2. permezz tal-Avviż Legali 177 tal-2020, li pprovda li b' effett mill-4 ta' Mejju 2020, fis-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tal-ordni prinċipali, il-kliem *"u tar-reġistru,"* għandhom jiġu mħassra iżda kwalunkwe limiti ta' żmien li ġew sospiżi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja (Emenda Nru. 2) għandhom jibqgħu sospiżi.

15. *L-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja* (Leġislazzjoni Sussidjarja 465.19) ġie mħassar bis-saħħa tal-Avviż Legali 230 tal-2020 kif ġej:

> *"2. L-ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja huwa b'dan l-ordni imħassar <u>b'effett mill-5 ta' Ġunju 2020</u>, mingħajr preġudizzju għall-validità ta' kull ħaġa magħmula jew li tħalliet barra milli ssir fuq il-bażi ta' dak l-ordni u soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni.*
>
> *"3. Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti wara l-konklużjoni ta' kwalunkwe proċeduri quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li ma joperax mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal għoxrin (20) jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.*
>
> *"4. Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal perjoduta' sebat (7) ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni."*

16. Għalhekk matul il-perjodu minn meta ħarġet l-ordni tal-għeluq tal-Qorti (16 ta' Marzu 2020) sakemm ingħatat is-sentenza, il-qorti kien magħluq u t-termini legali u ġudizzjarji kienu kollha sospiżi. B'hekk il-

Qorti tal-ewwel grad tat is-sentenza meta kien sospiż il-perjodu għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

17. L-appellant qal li ftit tal-jiem qabel ingħatat is-sentenza kien sar jaf li l-Qorti xorta kienet ser tagħti s-sentenza fil-ġurnata li għaliha kienet ġiet differita l-kawża. Għalhekk, fis-27 ta' April 2020, bagħat in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu lill-amministrazzjoni tal-qorti permezz ta' email, u fid-29 ta' April 2020 l-amministrazzjoni tal-qorti wieġbet li s-sentenza kienet ser tingħata l-għada 30 ta' April 2020.

18. Fil-proċess tal-kawża, qabel il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2020 m'hemmx in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut. Pero` in-nota ta' sottomissjonijiet hi mehmuża man-nota li ppreżenta l-konvenut fis-7 ta' Mejju 2020, ċioe` wara li kienet diġa` ingħatat is-sentenza.

19. Fis-sentenza tat-30 ta' April 2020 m'hemmx riferenza espressa għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, u l-Qorti m'hijiex tal-fehma li għandha tipprova timplika xi riferenza għaliha b'dak li jingħad fl-istess sentenza. Din hi materja fejn hemm bżonn li jkun hemm ċertezza u mhux konklużjoni bażata fuq x'jista' jkun ġara. Provi f'dan ir-rigward ma tressqux, ċioe` x'sar min-nota ta' sottomissjonijiet li intbagħtet b'email fid-29 ta' April 2020. Li jirriżulta mill-atti hu fis-27 ta' April 2020 in-nota kienet intbagħtet b'mod informali lil ċertu Lara Borg, impjegata li taħdem il-qorti.

Għalkemm fl-email li bagħat id-difensur tal-konvenut jingħad li n-nota ta' sottomissjonijiet kienet intbagħtet lid-deputat reġistratur assenjata mal-imħallef li kien ser jagħti s-sentenza, ma tressqet l-ebda prova dokumentarja tal-istess. Imbagħad permezz ta' email mibgħuta fid-29 ta' April 2020 Ms Borg ikkonfermat lid-difensur tal-konvenut li s-sentenza kienet ser tingħata fit-30 ta' April 2020.

20. Min-naħa l-oħra għal dak li jirrigwarda n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi, tinsab fl-atti qabel il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2020, u fis-sentenza l-Qorti tal-ewwel grad għamlet riferenza għall-prospett mehmuż magħha.[13]

21. L-uniku konklużjoni li tista' tasal għaliha din il-Qorti hi li ngħatat is-sentenza meta t-terminu għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet mill-konvenut kien għadu sospiż u l-Qorti ma kkunsidratx in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut. Dan ovvjament bi preġudizzju għall-konvenut. Għalhekk dik il-parti tal-ewwel aggravju fejn l-appellant ilmenta li s-sentenza ingħatat meta t-terminu għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet, issir biss rilevanti għaliex din il-Qorti ikkonkludiet li l-Qorti tal-ewwel grad ma ratx in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut. Li kieku hemm provi ċari li l-ewwel Qorti eżaminat in-nota ta' sottomissjonijet tal-konvenut, il-fatt li t-terminu għall-preżentata tal-istess

[13] Ara footnote numru 26 tas-sentenza appellata.

kien għadu sospiż minħabba l-ordni tas-Supretendent tas-Saħħa, ma kien ikun tal-ebda preġudizzju għall-konvenut.

22. Dan kontra l-jedd ta' smigħ xieraq u jwassal għan-nullita` tas-sentenza (Art. 790 tal-Kap. 12) u l-uniku rimedju effettiv hu li titħassar is-sentenza u tintbagħat lura quddiem il-Qorti tal-ewwel grad sabiex terġa' tiddeċiedi l-meritu tal-kawża.

Għal dawn ir-raġunijiet, sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq tilqa' l-ewwel flimkien mat-tieni aggravju tal-appellant limitatament in kwantu dawn jirreferu għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, u tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad tat-30 ta' April 2020 u tibgħat l-atti lura lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex terġa' tikkunsidra l-meritu tal-kawża wara li tikkunsidra wkoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

Spejjeż tal-ewwel sentenza u tal-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet peress li ħadd minnhom ma kien responsabbli għal dak li ġara.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr